Avviz Numru CCT 13/12/GZ

**Anthony Muscat**

**vs**

**Melita plc**

Illum 28 ta' Marzu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Jannar, 2012 fejn ir-rikorrent talab danni fl-ammont ta' mija u tmenin Ewro (€180.00), minhabba l-hela ta' hin u l-inkonvenjenza da parti tas-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fl-17 ta' Awissu 2011, rapprezentant tas-socjeta' ntimata, Jeremy Cassar, mar ghand ir-rikorrent sabiex jintroduci l-'Freedom Pack' lir-rikorrent, fejn qallu li setgha jzomm l-istess numru li kellu tal-'Vodafone', u meta r-rikorrent staqsieh ghall-informazzjoni kollha, huwa qallu li setgha jnizzel kollox mill-internet. Sussegwentement, ir-rikorrent ghamel jumejn jipprova jikkuntatja lil Jeremy Cassar sabiex jinformah illi ma xtaqx jipportja n-numru tal-'Vodafone', pero' xtaq illi jkollu n-numru l-gdid ta' 77 tas-socjeta' ntimata, pero' ma setghax jikkontatjah.

Fl-20 ta' Awissu 2011, ir-rikorrent mar ghand is-socjeta' ntimata fejn huwa tkellem mal-'customer care' fuq il-problema tieghu, fejn intqal lilu li setghu jirrangaw sabiex iwaqqfu l-porting tan-numru tal-'Vodafone' and japplikaw ghan-numru 77694918.

Fit-23 ta' Lulju 2011 tekniku tas-socjeta' ntimata mar ghand ir-rikorrent bil-mobile u staqsieh ghall-firma tal-mara tieghu stante li l-kont kien f'isimha. Hija fil-fatt iffirmat ghan-numru 77694918.

Fl-24 ta' Lulju 2011, fil-11:30 ta' filghodu, gie pportjat in-numru tal-'Vodafone' u dana minghajr l-awtorizazzjoni tar-rikorrent. Huwa ghalhekk cempel lis-socjeta' ntimata fejn intqal li kellha titkellem il-mara tar-rikorrent u ntqal ukoll li n-numru 77694918 kien temporanju. Ir-rikorrent sab ruhu fi stat fejn ma setgha jikkontatja l-hadd mill-mobile tieghu, u ghalhekk huwa reggha kkontatja s-socjeta' ntimata fejn qalilha illi jekk ma kenitx ser issolvi l-problema, huwa kien ser jikkancella l-'Freedom Pack'.

Fis-27 ta' Lulju 2011, ir-rikorrent reggha mar ghand is-socjeta' ntimata, fejn gie assigurat mill-istess persuna li kienet assiguratu qabel, li suppost huwa kellu n-numru 77694918 u nformatu wkoll illi kien bla credit.

Fit-30 ta' Lulju 2011, ir-rikorrent reggha cempel lis-socjeta' ntimata, fejn hija regghat qaltlu li l-ewwel kellha tkellem lill-mara tieghu, u ghalhekk ir-rikorrent staqsa x'kellu jaghmel sabiex ibiddel l-isem fuq il-kont u s-socjeta' nformatu li kellu jimla formola u jipprezenta kopji tal-Karti ta' l-Identita'.

Fil-5 ta' Settembru 2011, ir-rikorrent ha l-ittra ta' kancellazzjoni tal-'Freedom Pack' u kellu wkoll jimla l-formola ghat-tibdil fl-isem tal-kont. Meta r-rikorrent wasal id-dar, huwa rrealizza li n-numru 99492857 kien gie ddiskonnetjat.

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat minhabba l-hela ta' hin u l-inkonvenjenza ta' dan kollu, u ghalhekk qed jitlob danni fl-ammont ta' mija u tmenin Ewro (€180.00).

Ir-rikorrent ezebixxa numru ta' dokumenti relattivi.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

L-'Melita Mobile Ltd', bhala s-socjeta' ntimata, qieghda tikkontesta t-talba tar-rikorrent fil-fatt u fid-dritt.

Illi r-rikorrent iffirma l-formula tal-'porting' fit-23 ta' Awissu 2011 sabiex huwa jittrasferixxi numru li kellu mas-socjeta' 'Vodafone Malta Ltd' (99492857) ghas-socjeta' 'Melita'. Dan in-numru kien 'ported out' mis-socjeta' 'Vodafone Malta Ltd' fit-23 ta' Awissu 2011 stess. Ghaldaqstant minn din id-data dan in-numru kien 'ported in' mas-socjeta' 'Melita' u huwa servizz tat-telefonija mobbli 'prepaid'.

*Illi ghaldaqstant is-socjeta' 'Melita' tichad l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa xtaq izomm in-*numru 99492857 mas-socjeta' 'Vodafone Malta Ltd' u li dan kien 'ported out' minghajr il-kunsens tieghu u dan ghaliex huwa mela l-formola ta' l-applikazzjoni ghall-'porting' u kienet iffirmata minnu stess.

Illi r-rikorrent dakinhar stess, fit-23 ta' Awissu 2011 abbona mas-socjeta' 'Melita' ghall-'Freedom Pack' li jammonta ghal tnax-il Ewro u disgha u disghin centezmu (€12.99) fix-xahar.

Il-'Freedom Pack' jinkludi s-servizz ta' telefonija fissa li jammonta ghall-zewg Ewro u disgha u disghin centezmu (€2.99) u ghaxar Ewro (€10.00) mobile top up fix-xahar. It-rikorrent inghata n-numru 77694918.

Illi s-socjeta 'Melita' offriet lir-rikorrent il-possibilita' li huwa jerga' jittrasferixxi n-numru (99492857) lura mas-socjeta' 'Vodafone Malta Ltd', izda huwa qatt ma kkonferma dan.

Illi s-socjeta' Melita laqghet ukoll it-talba tal-klijent li jaghmel bidla fl-isem tad-detentur tal-kont.

Illi barra minn hekk, is-socjeta' 'Melita', bhala gest ta' rieda tajba, offriet li tikkumpensa lir-rikorrent ghal kull inkonvenjent ikkawzat billi taghtih tliet (3) xhur abbonament tas-servizz ta' l-internet b'xejn izda huwa rrifjuta dan u talab li jinghata ghaxar (10) xhur abbonament b'xejn ghas-servizz ta' l-internet. Konsegwentement, ir-rikorrent talab li jtemm is-servizz ta' l-internet f'Dicembru ta' 2011.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' 'Melita' tichad it-talba tar-rikorrent li l-ammont ta' mija u tmenin Ewro (€180.00) huwa dovut lilu.

Is-socjeta' ntimata ezebit numru ta' dokumenti relattivi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat l-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ezamina d-dokumentazzjoni kollu ezebit, minn liema jirrizulta bic-car illi dak kollu li sar kien dejjem sar, hekk skond il-ftehim bejn il-partijiet, jikkonkludi illi ma jirrizulta l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**